IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 18**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 11 ta' Marzu 2014 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |
| | |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 15**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G15 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 15

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 15**

2.01 Ma hemm l-ebda punt li joħroġ mill-Minuti G15 — Punti li joħorġu mill-Minuti G 15

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 16**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta numru G16 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 16 |

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 16**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | 4.03 Is-Sindku informa lil-laqgħa li r-rapport dwar il-pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin kien ser jippreżentah fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. | Pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin |
| 4.02 | 4.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa lil-laqgħa li l-*party* tal-karnival għat-tfal tħassar minħabba li kien hemm konkorrenza batuta. | *Carnival party* għat-tfal |
| 4.03 | 6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kif kien ġie deċiż waqt seduta tal-Kunsill G14, kienet intbagħtet ittra mill-avukat tal-Kunsill lil TM. | Talba *Xara Lodge* |
| 4.04 | 14.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li qegħdin isiru taħditiet sabiex jinkera garaxx ieħor minħabba l-fatt li diversi oġġetti li hemm fil-garaxx mhux ser ikun possibbli li jitpoġġew fil-kantina tal-Kunsill minħabba li l-bokka tal-kantina hija dejqa. | Terminazzjoni tal-kirja tal-garaxx tal-Kunsill |

**5.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 17**

| | | |
|---|---|---|
| 5.01 | Il-minuti tas-seduta numru G17 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 17 |

**6.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 17**

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Ma hemm l-ebda punt li joħroġ mill-Minuti G17 | Punti li joħorġu mill-Minuti G 17 |

**7.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 7.01 | Is-Sindku ppropona li jsir *extensive patching* f'dawn it-toroq:<br><br>Triq it-Tigrija<br>Triq il-Lellux<br>Triq il-Ġarġir (ħdejn il-fajsu)<br>Triq in-Nigret<br>Triq il-Lunzjata<br>Triq Santa Katarina (tal-Barriera)<br>Triq Għajn Kajjet | Xogħlijiet ta' *extensive patching* f'diversi toroq |

Misraħ Suffara (l-ġewwa minn tal-irħam)

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament, bil-kundizzjoni li ma jsir l-ebda xogħol ieħor simili qabel Ġunju, sakemm ma jkunx xogħol eminenti.

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-7:25 ta' filgħaxija.

7.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0374/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ilment dwar bandli imkissra fi Ġnien Bir Iljun. Huwa ppropona li dawn l-imsemmija bandli jiġu rranġati. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħsara fil-bandli ta' Bir Iljun

7.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0307/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand xi residenti u bdiewa li jagħmlu użu minn triq f'Raba Nemel, fejn dawn qegħdin jitolbu li titwessa' l-imsemmija triq. Minħabba li t-twessih ta' toroq mhuwiex responsabbilità tal-Kunsilli skont il-liġi. Il-Kunsill qabel li din il-petizzjoni tintbagħat lill-gvern ċentrali. Petizzjoni sabiex tiwessa' triq f'Raba Nemel

## 8.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 231

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 231 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 231

## 9.00 Konsiderazzjoni mill-ġdid tal-offerta għal servizz ta' *Contracts Manager*- RLC/T/131/13

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra, (referenza nru 50/0361/14) mingħand is-Sur Ronald Scicluna, li biha informa lill-Kunsill li qed jirrinunzja mill-kuntratt li ġie aġġudikat lilu f'seduta G16 tal-11 ta' Frar 2014. Konsiderazzjoni mill-ġdid tal-offerta għal servizz ta' *Contracts Manager* - RLC/T/131/13

Konsegwenza ta' din l-ittra l-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li din l-offerta tiġi aġġudikata lis-Sur Raphael Carabott, l-offerent l-ieħor li tefa' din l-offerta. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.00 Ħruġ ta' offerta għal servizz ta' *Handyman*

10.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li qiegħed jinħass il-bżonn li l-Kunsill ikollu servizz ta' *Handyman* wara n-nuqqas tal-ħaddiem tal-IPSL. Huwa saħaq li għalkemm il-Kunsill ipprova jaħdem bil-ħaddiema tal-ETC, dan ma tax riżultati kif mistenni. Wara diskussjoni li saret fuq l-abbozz tal-offerta għas-servizz ta' *Handyman* is-Sindku ppropona li tinħareġ din l-offerta. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ ta' offerta għal servizz ta' *Handyman*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-7:55 ta' filgħaxija.

## 11.00 Korrispondenza

11.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0327/14** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' €189.50 fi ħsarat li ġew ikkawżati fuq *tyres* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba u ra r-rapport imħejji mill-gwardjani lokali li mar fuq il-post tal-inċident, ġie deċiż unanimament li din it-talba tiġi milqugħa.

Ħsara fuq *tyres* ta' karozza

## 12.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù - Seduta numru A39

12.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A39 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A39

## 13.00 Materji Oħra

13.01 Fid-dawl tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport imħejji minnha. Dan ir-rapport jindika li d-dħul għas-sena finanzjara 2014 huwa ta' €959,000, filwaqt li l-ħruġ f'servizzi, pagi u self huwa ta` €763,000, għaldaqstant għal kull nefqa oħra l-Kunsill jifdallu biss is-somma ta` €196,000 fis-sena.

Rapport finanzjarju mħejji mis-Segretarju Eżekuttiv

Hija għamlet referenza wkoll għad-defiċit li għandu l-Kunsill, u l-obbligu li jtejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Il-Kunsill qabel li se jaderixxi ma' dan il-pjan.

13.02 Il-Kunsillier Andrew Mallia saħaq li kif ġie deċiż f'seduta tal-Kunsill G09 hemm bżonn li tidjieq il-bankina li tinsab fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Għajn Qajjet ħdejn *blocks* A,B,C. Dan minħabba li t-trakk tal-*iscammel* mhux qed ikun jista' jdur.

Tidjieq ta' bankina fil-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet

13.03 Il-Kunsillier Andrew Mallia talab sabiex jitwaħħlu d-*doggy bins* fiż-żona ta' Għajn Kajjet bejn Blk A u Blk D. Il-Kunsill qabel.

Twaħħil ta' *doggy bins* fiż-żona t'Għajn Kajjet

** Il-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Rudolf Grima talbu li jiġu skużati fid-9.27 ta' filgħaxija.

13.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li l-kenniesa mhumiex jaqtgħu l-ħaxix ta' mal-bankini speċjalment fiż-żona ta' Sant'Aristarku.

Kenniesa mhumiex jaqtgħu l-ħaxix

13.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li fi Triq Alessandro Curmi f'tal-Virtù hemm ħofra fonda u perikoluża.

Ħofra fi Triq Alessandro Curmi

13.05 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li fi Triq San Patrizju hemm sqaq li qiegħed iżomm ħafna ilma.

Sqaq izomm l-ilma fi Triq San Patrizju

13.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li r-residenti taż-żona ta' l-Għemieri kienu qedgħin jilmentaw minħabba l-fatt li tneħħew il-*Bring in Sites*.

Ilmenti dwar it-tneħħija tal-*Bring in Sites* fl-Għemieri

13.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li l-kumitat tal-festa ta' San Pawl jixtiequ jagħmlu laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss, kif ser jaffetwa l-festa l-

Talba għal-laqgħa dwar il-proġett ta'

| | | |
|---|---|---|
| | proġett ta' Triq Santa Rita. | Triq Santa Rita |
| 13.08 | Il-Kunsillier Stephen Borg informa l-laqgħa li fi Sqaq nru 1, Triq San Pawl hemm bankina li għandha bżonn manutenzjoni minħabba li qiegħda perikoluża. | Manutenzjoni ta' bankina fi Triq San Pawl, Sqaq nru 1 |
| **14.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 14.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 8 ta' April fis-7.00 ta' filgħaxija. | Aġġornament |
| 14.02 | Il-laqgħa ntemmet fid-20:40 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum ..it-Tlieta.......... ....8.... ta'....April........ 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**